# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 20**

**Rikors numru 402/2014/1 MH**

**Carmel Ciscaldi u martu Mary Ciscaldi u b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar, 2017 stante l-mewt ta' Carmel Ciscaldi l-atti ġew trasfużi f'isem l-istess Mary Ciscaldi bħala użufruttwarja u Silvan Ciscaldi u Maria Carla Borg Ciscaldi bħala eredi universali**

**v.**

**GlobalCapital Financial Management Limited (C 30053)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi datat 9 ta' Mejju, 2014, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi r-rikorrenti konjugi Ciscaldi kellhom relazzjoni ta' professjonist–klijent mas-socjeta' intimata sa mill-anqas is-sena 2002 meta Carmel Ciscaldi kien diga' kellu jirtira minn xogholu ta' dulcier fl-eta' ta' 46 sena ghal ragunijiet ta' mard; minhabba li Carmel Ciscaldi kien qed

biss jippercepixxi Pensjoni ta' Invalidita' tas-Sigurta Socjali, u peress li kien ghad kellu zewgt itfal bhala studenti, l-mara tieghu kellha terga' tibda tahdem ta' ghalliema;
Illi irid jinghad illi qabel l-2002, ir-rikorrenti ma kienu qatt ghamlu investiment portfoll bl-uniku esperjenza tikkonsisti f'zewg poloz tal-hajja liema poloz lanqas jikkostitwixxu bhala "*investment instrument*" skond l-Att dwar l-Investiment, Kap 370, It-Tieni Skeda;
Illi in kwantu ghall-investimenti li s-socjeta' intimata ghamlet lir-rikorrenti sa lejn l-ahhar tas-sena 2007, ir-rikorrenti mhumiex qeghdin iressqu lanjanzi f'din il-kawza ghar-rigward tal-komportament professjonali tas-socjeta' intimata in kwantu:

- is-socjeta' intimata tathom parir u investietilhom flushom f'*securities* u prodotti li huwa dibattibbli li jinghad li ma kienux adattati ghalihom u ghac-cirkostanzi taghhom, inkluz in-nuqqas ta' taghrif u esperjenza fl-investiment u l-attitudni ta' riskju "*medium*" jew "*balanced*" taghhom, liema attitudni ta' riskju tohrog tant tajjeb fil-*Financial Planning Recommendations* datati fis-6 ta' Jannar 2004 mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti, mehmuz ma' dan ir-Rikors Guramentat bhala <u>Dokument A</u>;
- illi tali pretensjonijiet tar-rikorrenti jista' jkunu preskritti bil-ligi;

Illi l-investimenti f'dan il-perjodu ta' qabel l-2007 kienu jikkonsistu fi (i) Societe' Generale Capital Guaranteed Gainer 2005; (ii) Lloyds TSB High Income Fund; (iii) Aberdeen European High Yield Bond Fund; (iv) Aberdeen Global Emerging Markets Bond Fund. Illi l-investiment enumerat (i), kif jindika l-isem, kellu l-kapital garantit u r-rikorrenti ma garrbu l-ebda telf; Illi fil-kaz tal-investimenti enumerati (ii), (iii) u (iv), ghalkemm ir-rikorrenti garrbu telf mhux immaterjali ta' bejn wiehed u iehor £Stg21,000 u jistghu jaghmlu kaz ta' negligenza u ksur tar-Regoli applikabbli mis-socjeta' intimata, huma ma qeghdin javanzaw l-ebda lment dwar dan in kwantu dawn kienu wkoll prodotti mhux kumplessi u kienu jikkonsistu f'fondi ta' investiment kollettiv ferm diversifikati, u r-rikorrenti jippreferu jaghtu l-beneficcju tad-dubju lis-socjeta' intimata dwar dan;
Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jirristringu il-Kawza taghhom ghal prodotti ta' investiment li nbieghu aktar ricenti u li jikkostitwixxu komportament ghal kollox negligenti u illegali kif ser jispjegaw 'il quddiem f'dan ir-Rikors Guramentat;

2. Illi f'Settembru tal-2007, il-*Private Clients Manager* assenjat mis-socjeta' intimata biex jaghti servizz lir-rikorenti, Joseph Fenech, b'dokument datat 27 ta' Settembru 2007 taht titlu ta' "*Performance Recommendations*", mehmuz u mmarkat ma' dan ir-Rikors Guramentat bhala <u>Dokument B</u>, ghamel, inter alia, dawn ir-rakkomandazzjonijiet lir-rikorrenti:

- Societe Generale' Adequity Best Select, fejn jinghad senjatament dan li gej:

*"The Best Select is a new product of the Adequity Range aiming at generating <u>coupon yields equal to at least 7% per year</u> and*

*delivering* *robust capital protection* *yet with participation in the increase of the equity markets …. Risk to Capital – Low – none if investment matures in the first 5 years”*

- TEPS 2 GBP, fejn jinghad senjatament dan li gej:

“*The Protected Asset TEP Fund No. 2 is a sub fund of The Protected Asset TEP Fund plc (“PATF”) which is an Open Ended Investment Company (“OEIC”) designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies …. Recommended Term 5 to 10 Years … Risk to Capital Low”;*

Illi pagna 3 tal-istess dokument jirrakkomanda lir-rikorrenti biex: “*sell £Stg81,013 worth invested in current investment Lloyds TSB High Income Fund;*

*“transfer £Stg5,000 from the sale of this proceeds to clients’ Lloyds Bank Account:*

*“the remaining £Stg76,000 circa would be divided as follows:*

*- Societe’ Generale Best Select £Stg50,000 in Euros;*

*- TEPS 2 GBP Vesion £Stg26,000 in GBP “the investment done earlier of Lm10,000 would be kept in the TEPS 2 yet the investment to be carried out in to the TEPS2 GBP version”;*

Illi s-sur Fenech qal lir-rikorrenti li l-istess socjeta’ intimata kienet f’dak iz-zmien qieghda tmexxi u “*ddahhal lil hafna klijenti*” fis-Societe’ Generale Adequity Best Select u fit-TEPS 2, liema prodotti – dejjem skond is-Sur Fenech – kienu dizenjati u mmirati u adattati ghal persuni bhar-rikorrenti;

Illi fl-istess gurnata li s-Sur Fenech ta l-pariri msemmija lir-rikorrenti, huwa heggighom jiddeciedu u jikkonfermaw li ser jiehdu l-pariri li tahom u inducihom jiffirmaw id-dokumenti mehtiega biex jattwaw il-parir li nghataw; Illi fil-fatt ir-rapprezentant msemmi tas-socjeta’ intimata ipprepara fl-istess jum il-formularju necessarju biex isiru dawn l-investimenti, anke jekk l-istess formularju kien iffirmat minn persuna ohra f’isem is-socjeta’ intimata jigifieri James Blake, persuna li r-rikorrenti qatt ma ltaqghu maghha;

Illi l-formularju kien jikkonsisti kif ser jinghad:

(i) File Note fir-rigward ta’ The Protected Asset TEP Fund GBP No 2, dokument mehmuz u mmarkat Dokument C ma’ dan ir-Rikors Guramentat;

Illi f’dan id-dokument is-socjeta’ intimata jergghu jammettu illi l-attitudni ta’ riskju tal-klijenti kien “*medium to cautious attitude*”;

Illi dan id-dokument ikompli biex bl-aktar mod skorrett – kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza - jiddeskrivi l-prodott rakkommandat f’Dokument B bhala li ghandu “*Investment Objective to provide investors with capital growth and low risk through investment in a diversified portfolio of with-profit Traded Endowment Policies (TEPs)”* u jkompli jizgwida lir-rikorrenti;

Illi f’ezercizzju ta’ kontradizzjoni totali ghas-servizz ta’ parir moghti b’mod car f’Dokument B, l-istess File Note Dokument C irredat mis-socjeta’ intimata jipprokuraw il-firma tar-rikorrenti ad insaputa ghad dikjarazzjoni li tghid “*I / We further confirm that no investment advice was given to me / us and that accordingly the appropriateness*

*or otherwise of the product was not assessed in line with my / our personal requirements";* Illi huwa car li dan kien jikkonsisti wkoll f'agir ta' qerq sfaccat fejn is-socjeta' intimata kienet qed tifhem li b'din l-istrategija formali setghet tevita r-responsabilta' tal-pariri li kienet qed taghti lir-rikorrenti meta tkun hekk induciet lir-rikorrenti jiffirmaw dokument li jistqarr li ma rcivewx parir;

Illi dan l-ghemil qarrieqi da parti tas-socjeta intimata huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li wara li giet iffirmata din id-dokumentazzjoni, tali dokumentazzjoni, jew tal-anqas kopja taghha, ma nghatatx lir-rikorrenti;

(ii) *File Note* fir-rigward ta' Societe' Generale Adequity Best Select Euro Class, dokument mehmuz u mmarkat Dokument D ma' dan ir-Rikors Guramentat;

Illi anke f'dan il-kaz rega' twettaq l-ezercizzju ta' qerq li jinstab f'Dokument C, meta mill-gdid ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata rnexxielu "jakkwista" l-firma tar-rikorrenti bl-intenzjoni li dawn jiffirmaw dikjarazzjoni li biha s-socjeta' intimata min ghaliha tkun qed tezenta ruhha mir-responsabilta' tal-parir car (u zbaljat) li tat f'Dokument B; ghal darb'ohra tali dokument jew ta' lanqas kopja tieghu ma nghatawx lir-rikorrenti;

Illi qed jigu mehmuza wkoll il-Purchase Contract Notes taz-zewg investimenti relattivi, jigifieri:

- Dokument E.i ghal £Stg42,640.44 fi The Protected Asset Tep Fund No 2 – GBP;
- Dokument E.ii wkoll fir-rigward ta' The Protected Asset Tep Fund No 2 – GBP;
- Dokument F ghal €71,407 fir-rigward ta' Societe' Generale – Adequity Best Select – Euro;

Illi sadattant peress li l-valur ta' dawn l-investimenti qabad triq persistenti ghan-nizla prattikament appena nxtraw, ir-rikorrenti wara zmien ta' stennija inutli bieghu l-investimenti;

Illi fil-kaz tas-Societe' Generale Adequity Best Select il-*"coupon yields equal to at least 7% per year"*[1] fil-fatt sarrfu f'imghax imhallas biss fl-ewwel sentejn, u ferm anqas jew xejn fit-tlett snin ta' wara;

Illi l-Protected Asset Tep Fund No 2 inbiegh fil-25 ta' Jannar 2012 ghal £Stg 25,412.66 (*Sale Contract Note*, Dokument G.ii mehmuz) li wara li tghodd ukoll ir-rikavat minn bejgh ta' parti zghira ohra li kienet saret fit-30 t'Ottubru 2008 ghal £Stg2,200 (Sale Contract Note, Dokument G.i mehmuz), ifisser li r-rikorrenti tilfu £Stg15,027 fuq dan l-investiment minghajr ma rcivew l-ebda dhul, telf ta' 35% tal-kapital, kuntrarjament ghal dak li ntqalilhom bil-miktub mis-socjeta' intimata[2] li dan il-prodott kellu *"Risk to Capital Low*";

Illi tajjeb li hawnhekk jigi pprecizat li s-somma ta' £Stg2,200 appena msemmija ma kienetx mghoddija lir-rikorrenti b'rizultat ta' mghax izda kienet giet imhallsa lir-rikorrenti mis-socjeta intimata mill-kapital innifsu wara li r-rikorrenti kienu lmentaw li mghax ma kienx qed jithallas;

[1] Ara Paragrafu 2
[2] ibid

Illi s-Societe' Generale Adequity Best Select Euro immatura fit-30 ta' Settembru 2013 u dan gab €21,007.83 kif tixhed is-*Sale Contract Note* datata 30 ta' Settembru 2013, Dokument H mehmuz; Illi dan ifisser li r-rikorrenti tilfu l-parti l-kbira tal-kapital ta' €50,399 fuq dan l-investiment, telf ta' 70.5% tal-kapital investit f'dan il-prodott, kuntrarjament ghal dak li ntqalilhom bil-miktub mis-socjeta' intimata[3] li dan il-prodott kien tali li jipprovdi "*robust capital protection yet with participation in the increase of the equity markets …. Risk to Capital – Low"*;

3. Illi kif inghad qabel, is-socjeta' intimata kienet ben konxja li l-attitudni tar-rikorrenti dwar ir-riskju fl-investiment kienet wahda "*medium to cautious*",[4] u li t-taghrif u l-esperjenza taghhom f'investiment portofoll, specjalment dawk kumplessi, kienet prattikament inezistenti hlief ghal investiment fi prodotti semplici u mhux kumpless li r-rikorrenti kienu ghamlu qabel l-investimenti suggett ta' din il-kawza;

Illi minkejja dawn ic-cirkostanzi, r-rikorrenti ma jistghux jifhmu kif is-socjeta' intimata investiet flushom f'zewg prodotti suggett ta' din il-kawza li huma komplessi, b'riskju elevat u li ma setghux jigu kkunsidrati bhala "*suitable*", kif it-terminu jinftiehem skond it-teknika u s-sengha tal-investment services li kieku it-test ta' "*suitability*" sar b'mod diligenti u meqjus kif jitolbu r-Regoli tal-Investiment tal-MFSA applikabbli fi zmien tal-bejgh, jigifieri Regola u *Standard Licence Condition* 3.03 ta' Parti C, Conduct of Business;

4. Illi tabilhaqq il-Protected Asset TEP Fund No 2 GBP huwa prodott li huwa intenzjonat skond il-Prospectus tieghu ghal *Experienced Investors*; Illi d-definizzjoni sostantiva ta' Experienced Investors tinstab fl-istess Prospectus kif ukoll fuq Dokument C.ii hawn anness, u hija:

*"Definition: Experienced Investors are persons who have the expertise, experience and knowledge to be in a position to make their own investment decisions and understand the risks involved";*

Illi di piu' il-prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti huma ikkunsidrati bhala "*komplessi*" mill-Kumitat tar-Regolaturi tal-Unjoni Ewropeja, il-*Committee of European Securities Regulators* tal-Unjoni Ewropeja;

Illi konferma tar-riskji gholjin ta' dawn il-prodotti tohrog anke minn Media Release tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") fil-11 ta' Frar 2009 kif ukoll fit-13 ta' Novembru 2009 fil-forma ta' twissija fuq il-web site ufficjali taghha kif ukoll fuq il-gazzetti bil-Malti u bl-Ingliz u li qed tigi mehmuza bhala Dokument J; fost l-ohrajn, l-MFSA tghid hekk dwar dawn il-prodotti bhal ma huma kemm il-PATF Tep Fund No 2 GBP kif ukoll is-Societe' Generale Adequity Best Select mibjugha lir-rikorrenti:

*"The Malta Financial Services Authority has come across local media adverts reports and product documentation about investments in*

[3] ibid

[4] Ara Dokument C

*"bonds" or "fund accounts" whose performance is linked to assets such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). <u>By their very nature, these investments are not easy to understand.</u>*
*"Despite the fact that they may be promoted as "alternative" to traditional or conventional investments, <u>these are investment opportunities which involve substantial risks</u>, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment.*
*"Although the MFSA has addressed its concerns directly with the financial entities which are promoting these products, investors should be extremely vigilant before committing their monies to these investments and should make sure that they have read and understood the product documentation given to them prior to any potential investments. Investors who are unable to understand the documentation should not buy these investments.*
***"Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have the experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant related risks".***

Illi ghahekk kien evidenti, jew suppost kien evidenti, ghas-socjeta' intimata sa mill-bidu nett li dak li kien adattat ghar-rikorrenti kienu prodotti ta' investiment b'riskju baxx u kawt kif kien idonju ghalihom ghaliex ir-rikorrenti ma kienux f'pozizzjoni li jidhlu ghal riskju gholi, anzi spekulattiv, assocjat mal-investimenti li huma gew moghtija parir jakkwistaw mill-*advisors* tal-kumpanija intimata;
Illi fil-fatt ir-rikorrent Carmel Ciscaldi, kif ser jikkonferma aktar fid-dettall matul il-kors tal-kawza, kien dejjem jishaq u jenfasizza lir-rapprezentanti tas-socjeta intimata, kemm meta il-prodotti kienu qed jinbieghu u kif ukoll wara, li fic-cirkostanzi tieghu, ossia ta' pensjonant b'dizabilita' medika u minghajr ebda speranza ta' dhul iehor, ma setghax jitlef flus u jipperikola l-kapital li kien qieghed jinvesti, li kien il-kapital likwidu kollu li kellha l-familja tieghu;

5. Illi l-kumpanija intimata gabet ruhha b'mod zlejali, ingust u qarrieqi fil-konfront tar-rikorrenti u dan, fost affarijiet ohra, billi mhux talli li r-rapprezentant taghha qatt ma spjega, jew assigura ruhu illi r-rikorrenti fehemu, r-riskji li jgorru l-prodotti ta' investiment suriferiti, izda addirittura zgwida lir-rikorrenti dwar in-natura, riskji u karatteristici tal-istess investimenti. Dan l-izgwid sar billi ddeskriva dawn il-prodotti bhala li jgorru riskju baxx meta fil-fatt huma ta' riskju gholi u dan sar:
– kemm bil-miktub kif diga' spjegat f'Paragrafu 2 ta' dan ir-Rikors Guramentat f'dokument mahrug mis-socjeta' intimata taht titlu "*Performance Recommendations*" datat 27 ta' Settembru 2007, Dokument B;
- kemm b'mod orali mir-rapprezentant tas-socjeta' intimata kif ukoll diga' spjegat f'Paragrafu 2 ta' dan ir-Rikors Guramentat;

- kif ukoll billi ddistribwixxa brochures tal-prodotti[5] li huma wkoll *misleading* u ma jaghtux deskrizzjoni gusta u korretta;

Illi l-*Product Brochure* tal-PATF Tep Fund No 2 GBP u dak tas-Societe' Generale Adequity Best Select, distribwit lir-rikorrenti mis-socjeta' intimata u mehmuzin u mmarkati ma' dan ir-Rikors Guramentat Dokument K.(i), Dokument K.ii u Dokument K.(iii), lkoll jaghtu deskrizzjoni – kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-Kawza - illi ma tistax ma tinftiehemx mill *"konsumatur medju"*[6] li l-prodott ghandu l-kapital garantit u li huwa prodott ta' riskju baxx, u ghaldaqstant bi ksur kemm tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur – ara Paragrafu 7.iv ta' dan ir-Rikors Guramentat - kif ukoll bi ksur ta' vari *Standard Licence Conditions* tal-MFSA, inkluz izda mhux ristrett ghal SLC 3.02 u 3.05;

6. Illi s-socjeta' intimata bieghet dawn il-prodotti rizultat ta' nuqqas ta' diligenza meta kien evidenti li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda esperjenza fi prodotti finanzjarji li kienu jikkonsistu, jew li kellhom profil ta' riskju simili, ghal dak li kienu jinvestu fihom il-PATF Tep Fund No 2 GBP u Societe' Generale Adequity Best Select, u li ma kienux in sintonija mal-profil ta' riskju dikjarat mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata;

Illi s-socjeta' intimata, rizultat ta' traskuragni u negligenza grossolana (*culpa lata*), naqset mit-twettieq tal-inkarigu kontrattwali moghti lilha mill-atturi esponenti;

Illi s-socjeta' intimata mxiet b'nuqqas ta' hila u sengha fil-qadi tal-obbligazzjonijiet ta' *Investment Services Provider* licenzjat u professjonali, u fl-*istandard of care and duty* mistenni skond il-ligi minn tali *Investment Services Provider* professjonali u licenzjat ai termini tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap 370) u r-Regoli mahruga mill-Awtorita' skond Artikolu 6(2)(b) tal-istess Att;

Illi dan l-istess obbligu ta' *due diligence* johrog ukoll mill-obbligi mitluba minn fidjucjarju (bhal ma hi l-istess socjeta' intimata) skond Artikolu 1124(A) tal-Kodici Civili fejn il-ligi titlob li l-qadi ta' tali dmirijiet irid ikun b'mod onest, bl-akbar *bona fide* u li l-istandard ta' diligenza mitluba hija ta' *bonus paterfamilias*;

Illi dan in-nuqqas ta' *due diligence* mis-socjeta' intimata versu l-esponenti konsumaturi sar ukoll bi ksur ta' dak li jitlob statutorjament l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta) f'Taqsima VII u specifikament fi Artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E dwar prattici kummercjali mhux gusti. L-applikabilita' ta' dawn l-Artikoli ghall-kaz odjern ser tigi spjegata wkoll aktar 'l quddiem f'dan ir-Rikors Guramentat;

7. Illi l-kumpanija intimata kompliet iggib ruhha b'ingann u b'mod zlejali, qarrieqi u doluz u illegali fil-konfront tar-rikorrenti meta l-*Financial Planning Advisor* tal-kumpanija intimata ingannathom billi f'kull kaz haditilhom i-firma taghhom ghal certi dikjarazzjonijiet kontenuti fi tal-anqas tlett dokumenti redati mis-socjeta' intimata, wiehed taht titlu ta' *File Note* fir-rigward ta' Protected Asset Tep Fund

[5] Ara wkoll Para 7.iv ta' dan ir-Rikors Guramentat
[6] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 51(C)(b)

No 2 GBP, Dokument C.i, iehor taht titlu *Experienced Investor Declaration* ukoll fir-rigward ta' Protected Asset Tep Fund No 2 GBP, Dokument C.ii, kif ukoll it-tielet dokument b'titlu ta' fi *File Note* fir-rigward ta' Societe' Generale Adequity Best Select Euro, Dokument D, kif ser jigi kkwotat testwalment:

Dokument C.i u Dokument D:

*"Client Confirmations:*

- *I/we confirm that I/we do not require a copy of this document unless I/we otherwise notify;*
- *I/we confirm that I/we have received the Brochures, Copy of Prospectus, Latest Annual Report in respect of the above products;*
- *I/we confirm that the features of the above products have been explained to me/us.*
- *I / we confirm that I / we have been provided with a range of opportunities, in addition to an explanation of the features of the product/s. I / We further confirm that no investment advice was given to me / us and that accordingly the appropriateness or otherwise of the product was not assessed in line with my / our personal requirements".*

Dokument C.ii:

*"I certify that I have read and understood the Offering Document including the mandatory risk warnings".*

Illi dan t'hawn fuq qed jinghad, inter alia a tenur:

i. tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 974 u 981;

ii. tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 1124A(4)(a), u dana peress illi l-kumpanija intimata ottjeniet dikjarazzjonijiet mir-rikorrenti li huma palezament u manifestament mhux vera u in *mala fede* u a skapitu tar-rikorrenti versu liema kellha fuq kollox id-dmir tal-bonus paterfamilias bhala fiducjarji;

iii. tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, b'espressjonijiet mhux gusti u pprojbiti ai termini ta' Taqsima VI tal-Att, u specifikament tal-Artikoli 44 , 45, 46 u 47;

Illi s-socjeta' intimata approfittat ruhha minn nuqqas ta' taghrif u esperjenza tar-rikorrenti billi ttiehditlhom firma ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet ta' liema ma setghu qatt jifhmu l-portata, anke' minhabba l-fatt li dawn id-dikjarazzjonijiet u kondizzjonijiet kienu jikkonsistu f'espressjonijiet li, "*kollha jew uhud minnhom*", ma kienux miktuba "*b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt kien indirizzat lejhom*";[7]

Illi dawn id-dikjarazzjonijiet u kondizzjonijiet kellhom l-ghan ewlieni li *"jeskludu jew jillimataw ir-responsabilta' ta' kummercjant minhabba fil-frodi jew in-negligenza gravi tieghu nnifsu jew dik ta' l-impjegati jew l-agenti tieghu*",[8] jew li "*jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali ta' konsumatur kontra l-kummercjant fil-kaz ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat mill-kummercjant tal-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu*";[9]

---

[7] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 47(1)
[8] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 44(2)(a)
[9] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 44(2)(b)

iv. tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, bi prattici kummercjali mhux gusti u qarrieqa, b'nuqqas ta' diligenza professjonali, b'influwenza mhux xierqa u bl-isfruttament ta' pozizzjoni ta' poter minn naha tas-socjeta' intimata fil-konfront tal-esponenti bhala konsumatur ai termini ta' Taqsima VII tal-istess Att, u allura Artikoli 51A , 51B, 51C, 51D u 51E tal-istess Att;

Illi l-kumpanija intimata gabet ruhha b'mod *"zlejali, ingust u qarrieqi*" fil-konfront tal-esponenti ghal aktar minn raguni wahda, u dana:

- mhux biss ghaliex ir-rapprezentant taghha qatt ma spjega, jew assigura ruhu illi l-esponenti fehmu, r-riskji li jgorru il-prodotti ta' investiment suriferiti;

- mhux biss ghaliex is-socjeta' intimata u r-rapprezentanti taghha addirittura zgwidaw lill-esponenti dwar in-natura, riskji u karatteristici tal-istess investimenti u dan fost affarijiet ohra billi ddeskrivew dawn il-prodotti bhala zguri u l-ahjar fis-suq u l-aktar idonji ghalihom;

- izda wkoll ghaliex – kif diga' ntqal f'Paragrafu 5 ta' dan ir-Rikors - is-socjeta' intimata u r-rapprezentanti taghha ddistribwew lill-esponenti materjal ta' *marketing* u *brochures* ghal prodotti suggett ta' din il-kawza li - kif ser jintwera fil-kors tas-smiegh tax-xhieda u jigi ppruvat fil-kors tal-kawza - ma jistax ma jigix kkunsidrat bhala li jikkostitwixxi "*prattici kummercjali mhux gusti*" u "*deskrizzjonijiet qarrieqa*" meta dan il-materjal pubblicitarju jaghti f'okkazjonijiet deskrizzjoni esplicita, u f'okkazjonijiet ohra implikazzjoni cara, u li ma tistax ma tinftiehemx mill "*konsumatur medju*",[10] li l-prodott ghandu l-kapital garantit u li huwa prodott ta' riskju baxx;

Illi Taqsima VII, Prattici Kummercjali mhux Gusti, Artikolu 51C, li jittratta deskrizzjonijiet qarrieqa, tipprovdi illi "*prattika kummercjali ghandha titqies bhala qarrieqa jekk (b) b'xi mod, ukoll bil-prezentazzjoni totali taghha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-taghrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wiehed jew iktar mill-elementi li gejjin, u li f'kull kaz iggieghlu jew x'aktarx iggieghlu jiehu decizjoni transazzjonali li ma kienx jiehu f'cirkostanzi ohra*";

Illi l-kumpanija intimata hija ben konxja li kull wahda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ottenuti mir-rikorrenti huma palezament u manifestament mhux vera u allura bilfors li ttiehdu in *mala fede* biex min ghalihom ikopru l-pozizzjoni legali tal-istess socjeta' intimata a skapitu tar-rikorrenti li versu lejhom kellhom fuq kollox id-dmir tal-*bonus paterfamilias* bhala fiducjarji kif jipprovdi l-Kodici Civili Artikolu 1124A(4)(a);

Illi allura kwalsiasi kunsens f'dan is-sens gie vizzjat b'ingann, ghemil zleali, doluz u illegali minn naha tas-socjeta' intimata adoperat ghad-dannu tal-esponenti mir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata, li ghalhekk kien kaptat rizultat ta' zball materjali ipprovokat mill-istess socjeta' intimata dwar mhux biss dwar it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih

---

[10] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 51(B)(2)(b), Artikolu 51C(b), Artikolu 51C(c)

huma kienu qieghdin jinvestu, izda wkoll dwar it-tip tas-servizz li nghata lilhom mis-socjeta' intimata;

8. Illi ghar-rigward tal-applikabilita' u r-rilevanza tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur ghal din il-kawza, ir-rikorrenti jsostnu li l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur huwa ferm rilevanti fis-servizzi finanzjarji in generali, u f'din il-kawza b'mod partikolari;
Illi l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, kien ilu fis-sehh qabel ma l-provvizjonijiet ta' dan l-Att inkisru f'aktar minn okkazjoni wahda mis-socjeta' intimata. Dan l-Att sar ligi bl-Att XXVIII tal-1994 u dahal fis-sehh ftit wara, u allura ferm qabel kwalunkwe wahda mit-transazzjonijiet tal-esponenti li huma mertu ta' din il-kawza;
Illi dan l-Att huwa applikabbli ghal transazzjonijiet ta' investiment ta' individwu daqs kemm japplika ghal kwalunkwe oggett jew servizz iehor li jinbiegh lil "*konsumatur*"; illi "*oggett*" u "*servizz*" jinkludi l-prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lill-esponenti kif ukoll it-tip ta' servizz pprovdut lilhom; illi "*kummercjant*" jinkludi is-socjeta' intimata li qieghda taghmel negozju u tezercita professjoni u tbiegh prodotti ta' investiment u tipprovdi servizzi ta' investiment;
Illi fil-fatt, Artikolu 2 (Tifsira) tal-istess Att jipprovdi, *inter alia*, li:
- "*konsumatur*" tfisser: *"(i) kull individwu li fi transazzjonijiet u hwejjeg ohra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti maghmulin tahtu, jkun qed jagixxi ghal ghanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerc, negozju, sengha jew professjon*i", u allura altru li jinkludi lill-esponenti atturi;
- "*oggetti*" tinkludi "*kull proprjeta' mobbli, sew tangibbli jew intangibbli, li jista' jsir kummerc minnha"*, u allura altru li tinkludu "*investment instruments*", bhal ma huwa l-Lifemark Secure Income Bonds suggett ta' din il-kawza;
- *"servizzi*" jinkludi "*l-providiment, fil-kors jew bi tkomplija ta' xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni … u t-twettiq, bi tkomplija ta' xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni, ta' kull ghamla ohra ta' xi xoghol jew xi azzjoni bi skambju ghal hlas jew xi rigal*", u allura altru li jinkludi s-servizzi ta' investiment li pprovdiet is-socjeta' intimata lir-rikorrenti;
- "*kummercjant"* tfisser "(i) *kull persuna, inkluz korp maghqud jew mhux mahqud, li ghar-rigward ta' kull transazzjoni jew hag'ohra koperta b'dan l-Att jew regolamenti maghmulin tahtu tkun qeghda tagixxi ghal ragunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerc, sengha jew professjoni tieghu; …; u (iii) kull persuna li ghaliha japplika l-artikolu 4 tal-Kodici tal-Kummerc*", u allura altru li jinkludi lis-socjeta' intimata nnifisha;
Illi huwa ferm rilevanti wkoll id-dispost ta' Artikolu 51(I) tal-istess Att li jipprovdi illi "*Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma minghajr pregudizzju ghal … (e) kull rekwizit ta' xi ligi ohra fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u tal-propjeta' immobbli, li huma iktar restrittivi jew preskrittivi mir-rekwiziti imposti mid-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu*", u ghalhekk jaghmilha ulterjorment car u jikkonferma illi l-istess Att huwa applikabbli ghal-"*qasam tas-servizzi finanzjarji"* minghajr

pregudizzju ghall-applikabilita' ta' provvizjonijiet specjali aktar rigoruzi f'ligijiet ohra f'dak il-kamp;
Illi ghaldaqstant l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur qieghed jigi invokat mill-esponenti ghal aktar minn raguni wahda u ghad-diversi ksur ta' disposizzjonijiet attribwibbli mill-esponenti lis-socjeta' intimata;
Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat fil-kuntest ta' *culpa lata* u negligenza grossolana kontrattwali kif spjegat f'Paragrafu 6 ta' din in-Rikors Guramentat;
Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat fil-kuntest ta' mala fede u ingann u l-uzu ta' espressjonijiet mhux gusti u pprojbiti kif spjegat f'Paragrafu 7.iii ta' din ir-Rikors Guramentat;
Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat ukoll fil-kuntest ta' ingann, qerq u prattici kummercjali mhux gusti kif spjegat ukoll f'Paragrafu 7.iv ta' dan ir-Rikors;

9. Illi s-socjeta' konvenuta kisret l-*Investment Services Standard Licence Conditions* applikabbli sal-ahhar ta' Ottubru 2007 fir-rigward tal-pariri li taw lir-rikorrenti biex jinxtraw il-prodotti ta' investiment suggett ta' din il-Kawza u li effettivament bieghu proprju f'Settembru u Ottubru 2007 meta dawn l-*Istandard Licence Conditions* kellhom is-sahha ta' regoli mandatorji skond il-ligi ai termini ta' Artikolu 6(2)(b) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta, kienu ghadhom fis-sehh;
Illi ghalkemm dawn l-*Istandard Licence Conditions* applikabbli f'Settembru u Ottubru 2007 kienu inqas rigoruzi minn dawk li dahlu fis-sehh fix-xahar ta' wara, jigifieri f'Novembru 2007 meta l-MFSA implimentat id-Direttiva Ewropeja MiFID 2004/39/EC, xorta wahda dawn l-*Istandard Licence Conditions* inqas oneruzi u applikabbli qabel inkisru;
Illi b'mod partikolari, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-Kawza – u minghajr l-eskluzjoni ta' ohrajn mhux specifikament imsemmija f'dan l-istadju – is-socjeta' intimata kisret is-segwenti *Standard Licence Conditions* li jinstabu f'Parti C ta' dokument mahrug mill-MFSA appena dahal fis-sehh l-Att dwar Servizzi tal-Investment ((Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta), liema Regoli kienu mahruga mill-Awtorita' f'Mejju tal-2004 in forza tas-setghat moghtija lilha mill-istess Att skond Artikolu 6(2)(b) tieghu, Dokument L mehmuz ma' dan ir-Rikors Guramentat:

- Sezzjoni 1 (*General Requirements*), inkluz
  SLC 1.08.j
- Sezzjoni 3 (*Conduct of Business*), inkluz:
  3.02 b'mod generali
  3.02.e
  3.02.n
  3.03 b'mod generali
  3.03.a
  3.03.c
  3.03.d
  3.03.e
  3.03.g

30.3.h
3.04
3.05 b'mod generali
3.05.g
3.05.m
3.06
3.07.a
3.07.c
3.07.d
3.07.e
3.07.f
3.07.h
- Sezzjoni 5 (*Advertisements*)
- Sezzjoni 8 (*Records and Documents*);

10. Illi ghaldaqstant permezz tal-pariri hziena taghha u rizultat ta' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha kif ukoll nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tal-*Istandard Licence Conditions* u Regolamenti dwar l-investimenti tal-MFSA, u ragunijiet ohra msemmija aktar kmieni f'dan ir-Rikors Guramentat, is-socjeta' intimata ikkagunat dannu ingenti lir-rikorrenti konsistenti f'telf ta' kapital u qliegh fir-rigward ta' flus minnu investiti tramite il-kumpanija intimata, u dana kif ahjar spjegat fil-prospett tad-danni, Dokument M mehmuz ma' dan ir-Rikors Guramentat;

11. Illi s-socjeta' intimata hija responsabbli fil-ligi ghad-danni u telf ingenti li sofrew ir-rikorrenti fl-investimenti li ghamlu;

12. Illi interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tan-nuqqasijiet taghha kemm bonarjament kif ukoll bi protest gudizzjarju numru 392/2011 tat-13 ta' Settembru 2011, Dokument N, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi ghaliex il-komportament taghha jikkwalifika bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa a tenur tal-Artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti meta saru t-transazzjonijiet f'isimhom fl-investimenti suriferiti;
2. Tiddikjara illi l-kumpanija intimata tat parir hazin u agixxiet b' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha kif ukoll b' nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji skont il-ligi u tal-*Istandard Licence Conditions* u Regolamenti

dwar l-Investimenti tal-MFSA fil-konfront tar-rikorrenti meta sar il-bejgh lilhom tal-investimenti suriferiti;
3. Tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti gie kaptat mill-kumpanija intimata b'ghemil doluz u ingann adoperat ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti tal-istess intimata, kif ukoll kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mill-intimat fuq it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih huma kienu qeghdin jinvestu u it-tip ta' servizz ta' investiment li s-socjeta' intimata kienet qed taghti lir-rikorrenti, u li ghalhekk kwalisiasi -kunsens taghhom kien vizjat u allura ma jiswiex fil-ligi;
4. Konsegwentement tiddikjara li s-socjeta' intimata hija responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti, ghat-telf tal-flus kif ukoll ghad-danni kollha li huma sofrew per konsegwenza tal-premess;
5. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, mir-rikorrenti konjugi Ciscaldi;
6. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni soffert, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, mir-rikorrenti kif premess;
7. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi u bl-ingunzjoni tal-kumpanija intimata in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta GlobalCapital Financial Management Ltd tal-10 ta' Ġunju, 2014, li permezz tagħha ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"Il-Fatti
1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi r-rikors promotur huwa mizghud mill-bidu sa' l-ahhar b'dikjarazzjonijiet u hwejjeg zejda bi ksur tal-artikolu 159 (1) tal-Kap 12, apparti li hafna mill-istess dikjarazzjonijiet lanqas biss ma gew mfissra f'paragrafi numerati separatament, bil-konsegwenza illi r-rikors guramentat huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12; illi ghalhekk is-socjeta intimata sejra tirrispondi kif tista' u kemm jista' jkun fil-qosor dwar l-allegazzjonijiet varji maghmula mill-atturi minghajr referenza ghal hwejjeg zejda, b'dan li l-esponenti tirriserva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li fil-kors ta' dawn il-proceduri din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti provvediment a tenur tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12;

2. Illi fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("l-ewwel sensiela ta' paragrafi"), is-socjeta intimata tghid, minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi fir-rigward tal-investimenti li saru mir-rikorrenti fis-Societe Generale Capital Guaranteed Gainer 2005, fil-Lloyds TSB High Income Fund, fl-Aberdeen European High Yield Bond Fund u fl-Aberdeen Global Emerging Markets Bond Fund ma ghandhiex x'tikkumenta *stante* li l-

istess rikorrenti qed jghidu illi f'dan ir-rigward "*mhumiex qeghdin iressqu lanjanzi f'din il-kawza*";

3. Illi fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("t-tieni sensiela ta' paragrafi"), is-socjeta intimata tikkonferma illi l-atturi kienu inkarigaw lis-socjeta intimata, bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), sabiex takkwistalhom investiment fis-Societe Generale – Adequity Best Select fis-26 ta' Settembru 2007 kif ukoll sabiex takkwistalhom investiment iehor f' *The Protected Asset TEP Fund No. 2 GBP* fis-27 ta' Settembru 2007;

4. Illi fir-rigward tat-tieni sensiela ta' paragrafi tar-rikors promotur is-socjeta intimata tghid ukoll illi fil-vesti taghha ta' intermedjarja hija ghamlet hlasijiet ta' imghax ta' €4,949, €4,949, €3,980.41, €2,425.01, u €1,745.02 fir-rigward ta' *Societe Generale – Adequity Best Select*, liema hlasijiet kollha kemm huma gew accetati u inkassati mill-atturi minghajr ebda rizerva; Inoltre is-socjeta intimata fil-vesti taghha ta' intermedjarja hallset ukoll is-somma ta' €21,007.83 lill-atturi meta immatura l-istess investiment f'Settembru tal-2013, liema hlas ukoll gie accettat u inkassat mill-atturi minghajr ebda rizerva ; Illi fir-rigward ta' *The Protected Asset TEP Fund No. 2 GBP* kienu l-atturi li f'Settembru 2008 ddecidew illi jifdu GBP 2,200 mill-investiment taghhom u f'Jannar 2012 iddecidew illi jifdu l-bilanc ta' GBP 25,412.66 fl-intier tieghu u f'kull kas, l-atturi rcevew s-sommom ta' flus imsemmija minghand is-socjeta intimata fil-vesti taghha ta' intermedjarja minghajr ebda rizerva;

5. Illi mill-bqija l-allegazzjonijiet l-ohra tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata fit-tieni sensiela ta' paragrafi tar-rikors promotur huma kollha kkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza; Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tichad kategorikament illi hija b'xi mod qarqet bir-rikorrenti u tafferma illi huma r-rikorrenti stess li qed jipprovaw iqarrqu u jisgwidaw billi filwaqt li jistriehu fuq numru ta' supposizzjonijiet foloz u skorretti (fosthom illi "*ir-rapprezentant tas-socjeta intimata rnexxielu 'jakkwista' l-firma tar-rikorrenti bl-intenzjoni li dawn jiffirmaw dikjarazzjoni li biha s-socjeta intimata min ghaliha tkun qed tezenta ruhha mir-responsabilita'* …") qed jikkonfermaw bil-gurament taghhom li jafu bl-istess bhala fatt; illi s-socjeta intimata tirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala kompletament foloz u minghajr ebda fondament;

6. Illi fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru, s-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-atturi bhala kompletament infondati u skorretti; Illi inoltre kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza l-atturi kienu ghamlu diversi investimenti ohra u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-atturi ma kellhomx esperjenza fl-investimenti; Illi inoltre huwa assurd u inverosimili kif l-atturi jistaw jsostnu li t-taghrif u l-esperjenza taghhom fl-investimenti huwa "*prattikament inezistenti*" u fl-istess nifs

<u>jikkonfermaw bil-gurament</u> illi "*r-rikorrenti ma jistghux jifhmu kif is-socjeta' intimata investiet flushom f'zewg prodotti suggett ta' din il-kawza li huma komplessi, b'riskju elevat u li ma setghux jigu kkunsidrati bhala "suitable" kif it-terminu jinftiehem skond it-teknika u s-sengha tal-investment services li kieku t-test ta' "suitability" sar b'mod diligenti u meqjus kif jitolbu r-Regoli tal-Investiment tal-MFSA".* Illi dawn id-dikjarazzjonijiet huma manifestament inkonsistenti u kontradittorji u jesponu t-tghawwig tal-fatti u l-falsita' li fuqhom huwa bbazat r-rikors promotur;

7. Illi fir-rigward tar-raba', l-hames, is-sitt, is-seba', it-tminn, id-disa', u l-ghaxar paragrafu tar-rikors promotur (u f'kull kaz fir-rigward tal-paragrafi sussegwenti ghalihom bla numru), s-socjeta intimata tirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; Inoltre s-socjeta intimata tafferma wkoll illi l-atturi agixxew xjentement u minn jeddhom fir-rigward tal-investimenti in kwistjoni li ghamlu tramite taghha u li l-atturi stess ikkonfermaw, fost affarijiet ohra, illi kienu fehmu kif jahdmu l-investiment fis-*Societe Generale – Adequity Best Select* u f' *The Protected Asset TEP Fund No. 2 GBP* u r-riskji involuti f'dawn l-investimenti; ikkonfermaw ukoll illi huma kienu gew imwissija mir-rapprezentant tas-socjeta intimata illi l-valur tal-investiment u l-qliegh relattiv jista' jitla' kif ukoll jinzel u li jista' jkun ukoll illi huma jirkupraw lura anqas mis-somma investita minnhom; dan jirrizulta *inter alia* mill-*file notes* iffirmati mir-rikorrenti fis-26 ta' Settembru 2007 u fis-27 ta' Settembru 2007 rispettivament (liema file notes huma annessi mar-rikors promotur bhala Dokument D u Dokument C.i);

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-hames paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru l-esponenti tghid ukoll illi assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta intimata agixxiet b'mod zleali, ingust u qarrieqi jew li b'xi mod zgwidat lill-atturi kif allegat minnhom;

9. Illi inoltre b'referenza ghas-sitt paragrafu u l-paragrafi sussegwenti ghalih bla numru tar-rikors promotur, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata tichad fermament illi hija agixxiet b'nuqqas ta' hila, sengha u diligenza u/jew li agixxiet bi traskuragni u negligenza grossolana fit-twettieq tal-inkarigu taghha u/jew bi prattici kummercjali mhux gusti kif allegat mir-rikorrenti;

10. Illi b'referenza ghas-seba' paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("is-seba' sensiela ta' paragrafi") tar-rikors promotur, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata tichad fermament illi hija ingannat lill-atturi u/jew li agixxiet b'mod zleali, qarrieqi, doluz u kontra l-ligi u/jew b'mala fede fil-konfront taghhom u tafferma illi f'kull kaz l-atturi agixxew xjentement u liberament fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet rilaxxati minnhom ghall-fini tal-investimenti in kwistjoni; Illi is-socjeta intimata tichad kategorikament ukoll illi hija uzat xi prattici kummercjali pprojbiti, mhux gusti u/jew

qarrieqa, jew li b'xi agir iehor kisret id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta ; Illi kif diga inghad huma r-rikorrenti li qed jipprovaw iqarrqu billi qed jikkonfermaw bil-gurament taghhom numru ta' allegazzjonijiet li ma ghandhom l-ebda fondament u li huma bbazati fuq supposizzjonijiet foloz u skorretti (fosthom illi "l-kumpanija intimata hija ben konxja li kull wahda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ottenuti mir-rikorrenti huma palezament u manifestament mhux vera u allura bilfors li tiehdu in mala fede biex min ghalihom ikopru l-posizzjoni legali tal-istess socjeta intimata"); L-esponenti tirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala kompletament foloz u infondati;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tas-seba' sensiela ta' paragrafi s-socjeta intimata tirrespingi wkoll l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi li l-kunsens taghhom kien vizjat b'ingann u b'ghemil zleali, doluz u illegali min-naha tas-socjeta intimata, u/jew li l-istess kunsens kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mis-socjeta intimata, bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tminn paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru (t-tminn sensiela ta' paragrafi) tar-rikors promotur, is-socjeta intimata filwaqt li tirreferi ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta in kwantu t-tminn sensiela ta' paragrafi tar-rikors guramentat huwa kompletament superfluwu ghall-fini tal-art. 159 tal-Kap. 12, terga ssostni wkoll dak li affermat fl-ghaxar paragrafu ta' din ir-risposta fis-sens illi s-socjeta intimata ma agixxietx bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tad-disa' paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru (d-disa' sensiela ta' paragrafi) tar-rikors promotur, u senjatament il-paragrafu li jghid "*illi b'mod partikolari…u minghajr l-eskluzjoni ta' ohrajn mhux specifikament imsemmija f'dan l-istadju – is-socjeta' intimata kisret is-segwenti Standard Licence Conditions li jinstabu f'Parti C ta' dokument mahrug mill-MFSA…",* is-socjeta intimata tirreferi ghal darb' ohra ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta in kwantu l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba mhumiex sufficjentement cari ghall-fini tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12; illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti f'dan il-paragrafu jirrigwardaw mhux biss ir-regoli li jissemmew fid-disa' sensiela ta' paragrafi tar-rikors guramentat izda ukoll regoli ohra minghajr ma l-atturi jispecifikaw ghal liema regoli qed jirreferu u x'inhu l-allegat ksur fir-rigward ta' dawn ir-regoli ; illi ghalhekk is-socjeta intimata ma tistax tirrispondi adegwatament ghall-allegazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha bi pregudizzju evidenti ghad-difiza taghha;

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi wkoll bhala

infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-atturi illi hija tat xi pariri hziena u/jew li agixxiet b'nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha u/jew nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tal-*Istandard Licence Conditions* u Regolamenti tal-MFSA (minghajr ma lanqas biss jispecifikaw liema huma l-Istandard Licence Conditions u r-Regolamenti li qed jirreferu ghalihom) u/jew li bl-agir taghha ikkagunat xi dannu lir-rikorrenti;

15. Illi fir-rigward tal-paragrafu hdax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi ghar-ragunijiet suriferiti, u kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza, s-socjeta intimata ma ghandha l-ebda responsabbilta' ghad-danni u telf li qed jirreklamaw r-rikorrenti; inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf li qed jigi allegat mill-atturi, fil-kaz li jirrizulta li l-atturi garrbu xi telf fuq l-investimenti surriferiti b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjeta intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert mill-atturi;

16. Illi fir-rigward tal-paragrafu tnax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi apparti li hija baqghet dejjem disposta biex tipprovdi kwalsiasi taghrif u informazzjoni lill-atturi dwar l-investimenti taghhom, hija ma kellhiex ghalfejn tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni stante illi l-pretensjonijiet tal-atturi fil-konfront taghha huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; is-socjeta intimata tirrileva ukoll illi hija dejjem irrespingiet il-pretensjonijiet tal-atturi kif jirrizulta fost affarijiet ohra mill-ittra tas-socjeta intimata datata 2 ta' Dicembru 2012 (kopja annessa u mmarkata Dok. GC 2);

17. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta' din ir-risposta huma maghrufin lill-esponenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tieghu bhala ufficjal tas-socjeta intimata.

<u>L-Eccezzjonijiet</u>

Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta intimata ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:

(1) Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra r-rikors guramentat ma jissodisfax l-art. 159 tal-Kap. 12 in kwantu huwa mizghud bi hwejjeg u dikjarazzjonijiet zejda bi ksur tal-artikolu 159(1) tal-Kap 12, li hafna minnhom lanqas biss ma gew mfissra f'paragrafi numerati separatament, bil-konsegwenza illi r-rikors guramentat huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12. Ghalhekk a skans ta' pregudizzju serju ghad-difiza taghha s-socjeta intimata, filwaqt li qeghdha tintavola din ir-risposta guramentata, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tapplika d-dispost tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12 fil-konfront tar-rikors guramentat u tawtorizza s-socjeta intimata terga' twiegeb wara li tigi notifikata bir-rikors kif mibdul a spejjez tar-rikorrenti;

(2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta' extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li l-kunsens taghhom kien vizjat u li ma jiswiex fil-ligi kif allegat minnhom u mitlub li jigi ddikjarat fit-tielet (3) talba taghhom hija preskritta a tenur tal-art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-agir tas-socjeta intimata ma tikkwalifikax bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa a tenur tal-artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u s-socjeta intimata ma agixxietx b'mod skorrett u qarrieqi kif allegat mir-rikorrenti;

(5) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tieni (2) talba tar-rikorrenti hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata ma tat l-ebda parir hazin u ma agixxietx b' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha u lanqas ma naqset milli thares xi dmirijiet fiducjarji skont il-ligi u l-Istandard Licence Conditions u Regolamenti dwar l-Investiment tal-MFSA fil-konfront tar-rikorrenti meta saru l-investimenti in kwistjoni, kif mitlub li jigi ddikjarat fit-tieni talba tar-rikors promotur;

(6) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tielet (3) talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata tichad bl-aktar mod kategoriku illi l-kunsens tar-rikorrenti gie kaptat minnha b'eghmil doluz u ingann, kif ukoll li l-kunsens tar-rikorrenti kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mis-socjeta intimata, u li l-kunsens tar-rikorrenti kien vizjat u ma jiswiex fil-ligi kif allegat minnhom fit-tielet (3) talba tar-rikors promotur;

(7) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet l-ohra tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata mhiex responsabbli versu r-rikorrenti ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mir-rikorrenti u ghalhekk is-socjeta intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf jew dannu lir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

(8) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;"

3. Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju, 2017, li permezz tagħha ġew deċiżi l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari, li wasslu sabiex jiġu miċħuda t-talbiet attriċi, fejn ingħad:

> *"1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta;*
> *2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li l-ewwel zewg talbiet tal-atturi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li t-tielet talba tal-atturi hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *4. Tichad il-bqija tat-talbiet attrici in kwantu dawn huma subordinati ghall-ewwel tlett talbiet;*
> *5. L-ispejjez ikunu a karigu tal-atturi solidalment bejniethom inkluz dawk marbuta mal-ewwel eccezzjoni preliminari ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza."*

4. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-atturi, li kienu ilhom klijenti tas-socjeta' konvenuta ghal diversi snin, xtraw zewg prodotti ta' investiment godda minghandha lejn l-ahhar tas-sena 2007, u cioe'is-*Societe Generale Adequity Best Select u l-Protected Asset Tep Fund No 2*. L-atturi jallegaw li fir-rigward ta' dawn iz-zewg prodotti s-socjeta' konvenuta ghandha tirrispondi ghal diversi nuqqasijiet serji fosthom li tathom pariri hziena, agixxiet b'nuqqas ta' hila u sengha u bi traskuragni u negligenza grossolana fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu taghha, naqset li thares id-dmirijiet fiducjarji taghha skont il-ligi, tat deskrizzjoni qarrieqa dwar il-prodotti li tat parir lill-atturi sabiex jixtru u li l-atturi gew ingannati meta b'mod zleali, qarrieqi, doluz u llegali. Dan hekk kif is-socjeta' konvenuta ottjeniet minghandhom il-firma taghhom ghal dikjarazzjonijiet li ma kinux veritjieri u ntizi unikament sabiex jivvantaggjaw legalment lill-istess socjeta' a skapitu taghhom. Ghal dan kollu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas u l-likwidazzjoni tad-danni minghand is-socjeta' konvenuta[11].
>
> Minn naha taghha, s-socjeta' konvenuta, oltre l-eccezzjonijiet preliminari mertu tas-sentenza tal-lum, fil-mertu rribattiet fost ohrajn li l-agir taghha la kien wiehed skorrett u qarrieqi u lanqas bazat fuq pariri hziena jew nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana kif allegat mill-atturi. Hija tichad ukoll li vvjolat l-obbligi

[11] Skont prospett ta' danni a fol 76

fiducjarji taghha naxxenti mill-ligi. Ghalhekk fil-fehma taghha hija m'ghandhiex tirrispondi ghal danni.

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li –

i. Is-socjeta' konvenuta hija licenzjata mill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjari ta' Malta ("MFSA") taht l-Att Dwar Servizzi tal-Investiment sabiex tagixxi ta' ntermedjarja bejn klijenti taghha li minghandhom tircievi struzzjonijiet biex tixtri jew tbiegh investimenti u terzi li lilhom tghaddi dawk l-istruzzjonijiet sabiex dawn jigu ezegwiti. Il-licenzja tas-socjeta' konvenuta tippermettilha wkoll li taghti pariri dwar l-investiment lill-klijenti u sabiex tagixxi bhala *nominee* taghhom[12];
ii. L-atturi kienu ilhom klijenti tas-socjeta' konvenuta sa mis-sena 1998 peress li kienu ghamlu xi nvestimenti permezz taghha[13];
iii. Il-prodotti ta' nvestiment li huma mertu tal-proceduri odjerni huma tnejn: (a) *The Protected Asset TEP Fund No. 2 – GBP* ossia *TEP Fund*; u (b) *Societe Generale – Adequity Best Select – EUR* ossia *SG*. L-atturi ghamlu dawn l-investimenti tramite s-socjeta' konvenuta bhala ntermedjarja[14];
iv. Fis-27 ta' Settembru 2007, is-socjeta' konvenuta permezz tad-dokument intestat *Performance Recommendations*[15] tat parir lill-atturi dwar tlett prodotti offruti minnha;
v. *File Note* tas-socjeta' konvenuta datata wkoll 27 ta' Settembru 2007 tindika li l-atturi kienu ddecidew li jinvestu £42,640.44 fit-*TEP Fund*[16] u *File Note* ohra datata 26 ta' Settembru 2007 turi li l-atturi ddecidew li jinvestu €71,407 fil-prodott *SG*[17];
vi. Il-*Purchase Contract Note* tat-*TEP Fund* igib id-data tas-16 t'Ottubru 2007[18] u dak tal-prodott *SG* huwa datat 5 t'Ottubru 2007[19];
vii. Parti mill-fond *TEP,* fis-somma ta' £2,200 inbieghet fit-30 t'Ottubru 2008[20] u l-bqija fl-1 ta' Marzu 2012[21];
viii. L-investiment *SG* immatura u nbiegh fit-30 ta' Settembru 2013[22];
ix. Fit-2 ta' Novembru 2010 l-atturi ghamlu lment formali mas-socjeta' konvenuta dwar l-investiment *SG* ghax qalu li kienu gew indotti mis-socjeta' konvenuta biex jemmnu li dan il-prodott kien jirrendi interessi tajbin filwaqt li l-kapital kien fis-sikur ghal perjodu fiss ta' hames snin, meta fil-fehma taghhom dan ma rrizultax li kien il-kaz. Huma kienu talbu lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondilhom il-kapital kollu taghhom investit[23];

---

12 Affidavit ta' James Blake a fol 126
13 Ibid. fol 126
14 Ibid. fol 126
15 Fol 23 et seq – Dok B
16 Fol 28 – Dok Ci
17 Fol 30 – Dok D
18 Fol 31-32
19 Fol 33
20 Fol 34
21 Fol 35
22 Fol 36
23 Fol 155

x. Fis-26 ta' Novembru 2010 l-atturi ressqu lment simili din id-darba quddiem l-MFSA dwar iz-zewg prodotti mertu ta' dawn il-proceduri[24];

xi. Fit-18 ta' Settembru 2011 l-atturi pprezentaw protest kontra s-socjeta' konvenuta permezz ta' liema fir-rigward tal-prodott SG huma lmentaw minn ambigwita' fil-promozzjoni u lmentaw ukoll minn mis-selling da parti tas-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' dawn iz-zewg investimenti[25];

xii. Il-kawza odjerna giet intavolata fid-9 ta' Mejju 2014.

In linea preliminari s-socjeta' konvenuta ssollevat tlett eccezzjonijiet li huma l-qofol tas-sentenza tal-lum.

L-ewwel eccezzjoni preliminari

Din l-eccezzjoni tghid hekk:

*"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra r-rikors guramentat ma jissodisfax l-art. 159 tal-Kap. 12 in kwantu huwa mizghud bi hwejjeg u dikjarazzjonijiet zejda bi ksur tal-artikolu 159(1) tal-Kap 12, li hafna minnhom lanqas biss ma gew mfissra f'paragrafi numerati separatament, bil-konsegwenza illi r-rikors guramentat huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12. Ghalhekk a skans ta' pregudizzju serju ghad-difiza taghha s-socjeta intimata, filwaqt li qeghdha tintavola din ir-risposta guramentata, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tapplika d-dispost tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12 fil-konfront tar-rikors guramentat u tawtorizza s-socjeta intimata terga' twiegeb wara li tigi notifikata bir-rikors kif mibdul a spejjez tar-rikorrenti".*

Il-Qorti tosserva li fl-14 ta' Mejju 2014[26] hija kienet ordnat lill-atturi sabiex permezz ta' Nota jiccaraw diversi aspetti tar-rikors guramentat taghhom, liema Nota giet debitament prezentata nhar it-28 ta' Mejju 2014[27].
Imbaghad, in segwitu ghall-prezentata tar-risposta guramentata taghha li permezz taghha kienet ressqet din l-eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta kienet intavolat rikors fl-24 ta' Gunju 2014[28] permezz ta' liema hija talbet lill-Qorti tapplika d-dispost tal-artikolu 159 (2) tal-Kap 12 fir-rigward tar-rikors guramentat u sabiex hija tigi awtorizzata terga' twiegeb wara li tigi notifikata bir-rikors kif mibdul. L-atturi kienu ressqu l-oppozizzjoni taghhom ghal din it-talba permezz ta' risposta ntavolata fil-11 ta' Lulju 2014[29].

[24] Fol 160
[25] Fol 77 et seq
[26] Fol 90
[27] Fol 93
[28] Fol 112
[29] Fol 116 et seq

B'digriet li jgib id-data tal-4 t'Awwissu 2014[30] din il-Qorti kienet cahdet it-talba li saret fir-rikors tal-24 ta' Gunju 2014 peress li ghalkemm hija kienet tal-fehma li r-rikors guramentat huwa twil izzejjed bla bzonn, wara l-prezentata tan-Nota tat-28 ta' Mejju 2014, ma ratx il-htiega li jinghata provvediment a tenur tal-artikolu 159 tal-Kap 12.
Fic-cirkostanzi, din l-eccezzjoni giet ormai sorvolata u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha bl-ispejjez pero' jkunu a karigu tal-atturi in vista ta' dak degretat minnha fid-digriet tal-4 t'Awwissu 2014.

Sottomissjoni preliminari tal-atturi

Fl-introduzzjoni ghall-osservazzjonijiet taghhom dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni preliminari taghhom, l-atturi jressqu l-argument li r-rapport bejn il-partijiet fir-rigward tat-transazzjonijiet mertu tal-proceduri odjerni huwa wiehed kuntrattwali, u li d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali taghhom ma humhiex preskritti bl-gheluq tal-hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) u possibilment (d) ukoll. Fil-fehma tal-atturi dan kollu jfisser li anke jekk it-tieni u t-tielet eccezzjoni kellhom jitqiesu validi mill-Qorti, xorta wahda l-obbligi kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta ma humhiex preskritti ghaliex l-investiment *SG* inxtara fil-5 t'Ottubru 2007 u ghalaq zmienu fit-30 ta' Settembru 2013 filwaqt li t-*TEP Fund* inxtara fis-16 t'Ottubru 2007 u nbiegh ghal kollox fl-1 ta' Marzu 2012 b'dana li allura kien biss f'Marzu 2012 u f'Settembru 2013 li l-atturi setghu jistabilixxu l-portata tat-telf kapitali taghhom.
Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta targumenta li rrispettivament minn kwalunkwe relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, huma n-natura tat-talbiet tal-atturi li ghandhom jiddeterminaw jekk il-kolpa li l-atturi qeghdin jaddebitawlhom humhiex ta' natura kontrattwali jew inkella akwiljana.
Il-Qorti tqis li ma hemm ebda dubju li kien hemm rapport kontrattwali bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta fir-rigward taz-zewg investimenti in ezami. Kif pero' tajjeb qalet is-socjeta' konvenuta, huma l-kawzali attrici li jiddeterminaw il-bazi tal-azzjoni u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli ghalihom. Dan il-punt ser jigi trattat fil-kunsiderazzjonijiet rispettivi dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminari li fadal.

It-tieni eccezzjoni preliminari
Din l-eccezzjoni tghid hekk –

*"Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta' extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta*."
Is-socjeta' konvenuta targumenta li l-ewwel zewg talbiet tal-atturi in kwantu huma riferibbli ghal ksur ta' ligi huma bazati fuq responsabbilta' extra kontrattwali u ghalhekk preskritti b'dan l-artikolu.

[30] Fol 122

L-artikolu 2153 tal-Kap 16 jipprovdi hekk –
*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*
Intqal hekk fil-kaz Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deciz fit-13 ta' Gunju 2013[31] –
*"Is-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha ghad-danni li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt. L-attur da parti tieghu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni taghha hi wahda kuntrattwali……*
*[…..]*
*Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*
*Hu ghalhekk pacifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*
*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per ez. "Calafato vs Muscat", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "Naudi vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "Calleja vs Xuereb", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawza "Borda vs Arrigo Group of Hotels et", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*
*Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.*
*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri" deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa*

[31] Cit 353/05

*aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ccitat Laurent li jghallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario*."

*Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-awturi Baudry-Lacantinerie li jghidu "La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad*."

*Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et." (deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) gie deciz li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti*.

*L-awtur Andrea Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale. Din ic-citazzjoni hija citata f'diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna u, ghall-iktar carezza, qed tigi hawnhekk abbraccjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti".*

*L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Applikati ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-ewwel zewg talbiet attrici m'humhiex riferibbli ghal ksur da parti tas-socjeta' konvenuta tal-obbligi kuntrattwali per se izda ghall-allegat ksur tal-ligi, senjatament l-artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta (l-ewwel talba) u l-allegat ksur tad-dmirijiet fiducjarji taghha skont il-ligi u tal-Istandard Licence Conditions u Regolamenti dwar l-Investimenti tal-MFSA (it-tieni talba).

Ghaldaqstant, fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet, il-culpa attribwita hija wahda akwiljana. Isegwi ghalhekk li ghalihom hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-perjodu li minnu bdiet tiddekorri din il-preskrizzjoni.

L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi li –

*"2137. Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Is-socjeta' konvenuta targumenta li z-zmien ta' preskrizzjoni beda jiddekorri mill-gurnata tal-inkontru bejn ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u l-atturi li wassal ghax-xiri tal-investimenti mertu ta' dawn il-proceduri u cioe' fis-26 ta' Settembru 2007 fir-rigward tal-investiment *SG* u fis-27 ta' Settembru 2007 fir-rigward tal-investiment *TEP Fund*. Skont is-socjeta' konvenuta, la l-protest gudizzjarju tal-atturi gie prezentat fit-13 ta' Settembru 2011, il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet kien diga' skada. Bla pregudizzju izda, s-socjeta' konvenuta tghid li anke jekk il-perjodu preskrittiv kellu jittiehed li beda jiddekorri mid-data tal-Purchase Contract, u cioe' fil-5 t'Ottubru 2007 ghall-prodott *SG* u fis-16 t'Ottubru 2007 ghall-prodott *TEP Fund*, xorta wahda l-azzjoni kienet diga' preskritta fil-mument li giet intavolata l-ittra ufficjali. *In fine* u f'kull kaz, anke jekk il-Qorti kellha tqis li l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri minn meta l-atturi ndunaw jew setghu jindunaw li l-investimenti ma kinux sejrin tajjeb, xorta l-azzjoni attrici hija preskritta ghax mill-provi ntwera li l-atturi kienu konsapevoli tat-telf li kienu qed jissubixxu mill-investimenti sa mill-2007 stess u addirittura fl-ilment li kienu ressqu ghand l-MFSA kienu ddikjaraw li ndunaw bil-problema sa minn Settembru 2008[32]. B'hekk anke fil-kuntest ta' dan ix-xenarju, l-azzjoni fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet hija xorta preskritta.

Minn naha l-ohra l-atturi jargumentaw li fir-rigward tal-investiment SG huma ma setghu jibdew ebda azzjoni legali qabel ma dan immatura fit-30 ta' Settembru 2013 u hekk jiddeterminaw it-telf li garrbu ghax altrimenti l-azzjoni kienet tkun wahda ntempestiva u mhux f' lokha. La r-rikors guramentat gie ntavolat fid-9 ta' Mejju 2014, u cioe' inqas minn sena wara, l-azzjoni mhix preskritta.

[32] Fol 162

Ghar-rigward tal-investiment TEP Fund, l-atturi jirrikonoxxu li *prima facie* l-azzjoni hija preskritta kemm mid-data ta' meta nbiegh fl-1 ta' Marzu 2012, kif ukoll mid-data tal-protest sa ma gie ntavolat ir-rikors guramentat. Ghalkemm huma jistriehu fuq is-sottomissjonijiet taghhom dwar l-artikolu 1223 tal-Kodici Civili, dawn huma fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u ghalhekk ghall-Qorti din hija awto-ammissjoni li anke mill-ahhar data possibbli li fil-fehma taghhom setghet tigi ezercitata l-azzjoni, xorta din hija perenta bil-preskrizzjoni.
Elenkati l-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tghaddi biex tevalwa l-principji gurisprudenzjali applikabbli.
Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deciz fit-28 t'April 2016[33] -
L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:
*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il massima li "actio non natae non praescribititur"*[34] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*
*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jagixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu ikunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghal kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqeghduhx fl-impossibilita` li jagixxi."*
Fil-kaz Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et deciz fit-8 t'Ottubru 2014[35] il-Qorti kompliet li-
*"……kif intqal fil-kawza fl-ismijiet Anna Vella vs Eric Darmanin (deciza mil-Qorti Civili, Prim'Awla, mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Dicembru, 2012):*
*"Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994*),
*Di piu' fil-kaz Kuludrovic vs Muscat, deciza fl-1 ta' Gunju 1959, il-Qorti tal-Appell Kummercjali per President Anthony Mamo, irriteniet:*
*"Bianco vs Demarco", deciza fit-2 ta'Gunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi*

---
[33] Rik Gur 1051/2007
[34] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 200
[35] Cit Nru 398/05

*esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jigri kif appuntu fil-kaz prezenti, il-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza "*
*Se l' esercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);"*

A bazi ta' dawn il-principji l-Qorti tqis li l-mument li fih origina d-dritt tal-atturi fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet huwa meta gew issigillati t-transazzjonijiet f'isimhom fl-investimenti in kwistjoni (kif indikat fl-ewwel talba) u meta gew mibjugha lilhom dawn l-istess investimenti (kif indikat fit-tieni talba). Isegwi ghalhekk li l-mument minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni kien proprju mid-data tal-iffirmar tad-dokument (*File Note*) li fih taw l-istruzzjonijiet lis-socjeta' konvenuta biex jinvestu f'dawn fil-prodotti *SG* u *TEP Fund* permezz taghha u cioe' fis-26 ta' Settembru 2007 u s-27 ta' Settembru 2007 rispettivament.

Filwaqt li kif inghad, fir-rigward tal-prodott *TEP Fund*, l-atturi ma jsibu ebda argument biex jiggustifikaw l-azzjoni taghhom entro t-terminu preskrittiv, fir-rigward tal-investiment *SG,* huma jippruvaw jargumentaw li huma ma setghux jifthu l-kawza qabel ma mmatura l-fond f'Settembru 2013 ghax ma setghux jiddeterminaw it-telf li garrbu. Izda dan l-argument ma jregix ghax il-bazi ta' kollox huwa l-fatt li minnu jorigina d-dritt ta' l-attur li jiehu azzjoni[36]. Fil-kaz tal-lum, kif inghad, id-dritt origina mill-fatt li l-atturi ffirmaw il-*File Note* imsemmija. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li anke jekk l-atturi dehrilhom li kellhom jintavolaw il-kawza fil-Qorti wara li jimmatura l-investiment huma xorta kellhom l-obbligu li almenu fil-frattemp jinterrompu l-preskrizzjoni tempestivament b'atti gudizzjarji regolari, haga li saret darba biss permezz tal-protest fl-2011 meta kien diga' tard wisq ghax is-sentejn kienu diga' ghaddew.

Il-Qorti tinnota wkoll li ma kien hemm ebda mpediment jew impossibilita' legali ghall-atturi biex almenu jinterrompu l-preskrizzjoni perjodikament, tenut kont li huma stess irrikonoxxew li kwazi sa mill-bidu nett huma kienu bdew jesperjenzaw telf minn dawn l-investimenti u kienu ilhom zmien jilmentaw dwar dan kemm mas-socjeta' konvenuta u anke mal-MFSA. Infatti l-Qorti tinnota li:

i. L-attrici Mary Ciscaldi ikkonfermat li kienu jircievu *valuation statement* fuq l-investimenti taghhom minn zmien ghal zmien, possibilment kull sitt xhur[37] u li t-telf fuq l-investimenti *SG* u *TEP* kien wiehed kostanti sa mill-2007[38]. Dan id-diskors huwa wkoll konfermat fir-rikors guramentat meta l-atturi jghidu li "*peress li l-valur ta' dawn l-investimenti qabad triq persistenti ghan-nizla prattikament appena*

[36] **Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina e**t deciz fis-27 ta' Jannar 2003.
[37] Fol 186
[38] Fol 188

<u>*nxtraw*</u>[39]*, ir-rikorrenti wara zmien ta' stennija inutli bieghu l-investimenti*[40]";

ii. L-atturi kienu ressqu lment formali dwar l-investiment SG mas-socjeta' konvenuta f'Novembru tal-2010[41] u filwaqt li hemm qalu li kienu ndunaw bil-problema f'Ottubru tal-2010[42], fl-istess xahar huma ressqu wkoll ilment mal-MFSA dwar iz-zewg investimenti u ndikaw li ndunaw bil-problema ferm qabel u cioe' f'Settembru tal-2008 u li f'dak l-istess xahar huma kienu ghamlu l-ewwel ilment mas-socjeta' konvenuta[43];

iii. Fin-Nota Spjegattiva tal-atturi tat-28 ta' Mejju 2014[44] huma ndikaw li lejn l-ahhar tas-sena 2009 u matul is-sena 2010 "telf massicc" kien qed jirrizulta mill-*Investment Valuations* li kienu qed jircievu mis-socjeta' ntimata minn zmien ghal zmien.

Dan kollu juri li sa mill-bidu nett u anke fil-kors tal-perjodu li fih kienu fis-sehh dawn iz-zewg investimenti, l-atturi kienu qeghdin jesperjenzaw nuqqas ta' sodisfazzjon kemm bl-andament tal-prodotti nvestiti kif ukoll bil-pariri li nghataw. La huma ma hadux il-passi mehtiega skont il-ligi sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom fiz-zmien propizju, huma issa tilfu kull dritt li jkomplu jagixxu fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet fil-mertu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni eccezzjoni preliminari sejra tigi milqugha.

It-tielet eccezzjoni preliminari

Din l-eccezzjoni tghid hekk –

"*Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li l-kunsens taghhom kien vizjat u li ma jiswiex fil-ligi kif allegat minnhom u mitlub li jigi ddikjarat fit-tielet (3) talba taghhom hija preskritta a tenur tal-art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*"

L-artikolu 1222 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk –

*1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.*

Ghal fini ta' din l-eccezzjoni ssir referenza wkoll ghall-artikolu sussegwenti:

*"1223. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

[39] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[40] Fol 4
[41] Fol 155 et seq
[42] Fol 156
[43] Fol 162
[44] Fol 93

*(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

Is-socjeta' konvenuta targumenta li l-atturi kellhom il-File Notes f'idejhom sa minn ferm qabel Settembru 2011 meta kienu ghamlu l-protest. Hija tghid li dawn kienu fil-pussess taghhom sa mill-2009. Fil-fehma taghha ghalhekk l-asserzjoni tal-atturi li huma ma kinux ottjenew kopja tad-dokumenti ffirmati minnhom qabel Frar tal-2014 ma hijiex veritjiera. Is-socjeta' konvenuta tghid ukoll li la l-atturi stess ammettew li meta sar il-protest huma ma kienu ressqu ebda talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt a bazi ta' dan l-artikolu fil-ligi, allura lanqas dak il-protest ma nterrompa l-preskrizzjoni favur taghhom, b'dana li ghalhekk l-azzjoni tal-atturi fir-rigward tat-tielet talba hija wkoll preskritta.

L-atturi minn naha l-ohra jirribattu li huma qatt ma setghu jikxfu d-difett qabel ma' l-MFSA uzat il-poteri taghha biex tottjeni l-istess dokumenti li s-socjeta' konvenuta baqghet kontinwament tirrezisti milli tirrilaxxja kopja taghhom. Huma jsostnu li l-ewwel darba li d-dokumenti ffirmati mir-rikorrenti waslu f'idejhom kien biss fis-17 ta' Frar 2014 u ghalhekk qabel din id-data l-att doluz ma setax jinkixef. La l-kawza giet intavolata ftit tax-xhur wara, l-azzjoni taghhom fir-rigward tat-tielet talba ma hix preskritta. L-atturi jghidu wkoll li fiz-zmien li ghamlu l-protest kienu ghadhom mhux konxji tal-ingann u ghal dik ir-raguni ma kien sar ebda lment fir-rigward. L-istess haga qalu fir-rigward tal-ilment li huma kienu ghamlu mas-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Novembru 2010[45] u l-ilment li ressqu quddiem l-MFSA fl-24 ta' Novembru ta' dik l-istess sena.

Fil-kaz fl-ismijiet Maria Agius vs Josephine Schembri et deciza fit-23 t'April 2009[46] intqal hekk –

*Fuq l-aspett ta' simulazzjoni tal-kuntratti, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cachia vs Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt tal-Ministeru ta' l-Intern et (Citazz. Nru. 394/05) intqal:*

*<u>"In-natura tal-eccezzjoni a tenur tal-artikoli 1222 u 1223</u>*

*Din id-decizjoni tirrigwarda d-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 1222 (1) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jghid hekk:*

*1222. (1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.*

*(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.*

*L-artikolu 1223(1) ighid hekk:*

*"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett."*

*Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun*

[45] Fol 155
[46] Cit Nru 96/07

*nieqes minn xi wahda mill kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.*

*Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett[47].*

*Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obbligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid- 19 ta' Novembru, 2001 gie deciz li:*

"*L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Adrian de Haan vs George Whelpdale et deciza fil-31 ta' Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.*

*Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitamnet accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001, u Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003).*

*Id-data trid tigi stabbilita b'mod car. Fil-kawza fl-ismijiet John Bugeja vs Joseph Gauci deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 deciza mill-Prim'Awla talQorti Civili [I. J. R. Micallef] inghad:*

---

[47] Enfasi ta' din il-Qorti.

*"Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eccezzjoni."*

*Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet Sammy Murgo vs Henry P. Cole deciza fl-31 ta' Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:*

"*Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-preskrizzjoni biennali ta' l-azzjoni ta rexissjoni ta' kuntratt abbazi ta' l-artikolu 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita radikali ghax din trendi l-obbligazzjoni inesistenti.*

*Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa billi mhux konsentit li l-Qorti jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."*

*Ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta' Frar 2007 fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud et (Citazz. Nru. 1476/01) intqal:*

*"Ghalhekk fil-qasir wiehed jista' jghid li meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn, inkluz fir-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza. Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett. Il-preskrizzjoni ta' sentejn jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obbligazzjoni inezistenti. Min jeccepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuq l-provi, liema provi jridu jkunu univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha. Il-preskrizzjoni ghandu jkollha interpretazzjoni restrittiva. Id-data trid tigi stabbilita b'mod car, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eccezzjoni. Mhux konsentit li l-Qorti timplimenta kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."*

It-tielet talba tghid hekk –

"*Tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti gie kaptat mill-kumpanija intimata b'ghemil doluz u ingann adoperat ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti tal-istess intimata, kif ukoll kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mill-intimat fuq it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih huma kienu qeghdin jinvestu u it-tip ta' servizz ta' investiment li s-socjeta' intimata kienet qed taghti lir-rikorrenti, u li ghalhekk kwalisiasi kunsens taghhom kien vizjat u allura ma jiswiex fil-ligi*;"

Il-Qorti tqis li l-bazi ta' din it-talba hija l-vizzju tal-kunsens u ghalhekk hija applikabbli ghaliha d-dispozizzjoni tal-artikolu 1222 et seq tal-Kap 16 ghal dik li hija preskrizzjoni.

Fir-rikors guramentat taghhom l-atturi jilmentaw li s-socjeta' konvenuta agixxiet-

*"b'ingann u b'mod zlejali, qarrieqi u doluz u llegali fil-konfront tar-rikorrenti meta l-Financial Advisor tal-kumpanija ntimata ingannathom billi f'kull kaz haditilhom il-firma taghhom ghal certi dikjarazzjonijiet kontenuti fi tal-inqas tlett dokumenti redati mis-socjeta' ntimata, wiehed taht it-titlu ta' File Note fir-rigward ta' Protected Asset Tep Fund No 2 GBP, Dokument C.i., iehor taht titlu Experienced Investor Declaration ukoll fir-rigward ta' Protected Asset Tep Fund No 2 GBP, Dokument C.ii, kif ukoll it-tielet dokument b'titlu ta' fi File Note fir-rigward ta' Societe Generale Adequity Best Select Euro, Dokument D…".*

Il-partijiet lamentati minn dawn id-dokumenti kienu dawn –

Ghar-rigward tal-File Notes iffirmati ghall-investimenti *SG* u *TEP* fis-26 ta' Settembru 2007 u s-27 ta' Settembru 2007 rispettivament:

"*Client Confirmations:*

- *I/we confirm that I/we do not require a copy of this document unless I/we otherwise notify;*
- *I/we confirm that I/we have received the Brochures, Copy of Prospectus, Latest Annual Report in respect of the above products;*
- *I/we confirm that the features of the above products have been explained to me/us.*
- *I / we confirm that I / we have been provided with a range of opportunities, in addition to an explanation of the features of the product/s. I / We further confirm that no invesment advice was given to me / us and that accordingly the appropriateness or otherwise of the product was not assessed in line with my / our personal requirements".*

Ghar-rigward tad-dokument *Experienced Investor Declaration* abbinat mat-*TEP Fund* –

*"I certify that I have read and understood the Offering Document including the mandatory risk warnings".*

Din id-dikjarazzjoni ma fihiex data imma minn dak mistqarr mill-atturi stess fir-rikors guramentat taghhom, dan id-dokument gie ffirmat minnhom fl-istess gurnata[48] li ffirmaw il-*File Note* tat-*TEP Fund* u cioe' fis-27 ta' Settembru 2007.

Id-dizgwid bejn il-partijiet huwa dwar meta nkixef dan l-allegat qerq li jirrikjedi ghalhekk li jigi stabbilit meta dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tal-atturi.

L-atturi qeghdin jinsistu li dan il-qerq seta' jinkixef biss fis-17 ta' Frar 2014 meta d-dokumenti waslu f'idejhom. Huma jirreferu ghax-xhieda ta' Paul Bonello, Direttur Manigerjali ta' *Finco Treasury Ltd* li minghandu kienu hadu parir dwar il-problemi li kien qeghdin jirriskontraw mas-socjeta' konvenuta. Bonello jghid[49] li meta l-atturi

[48] Fol 3
[49] Fol 150

kienu ghamlu l-ilmenti formali kemm mas-socjeta' konvenuta, kemm mal-MFSA fl-2010 kif ukoll meta ntavolaw il-protest gudizzjarju fl-2011, dawn it-tlett dokumenti surreferiti ma kinux fil-pussess tal-atturi ghax ma kinux ghadhom inghataw kopja taghhom mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma fehmux l-implikazzjonijiet taghhom. Huwa jkompli hekk –

"*Da parti tieghi jiena nikkonferma li l-ewwel darba li jiena ltqajt mal-koppja Ciscaldi kien fis-17 ta' Frar 2014 meta gew ikellmuni dwar il-kaz taghhom. Jien rajt x'dokumenti kellhom, inkluz id-Dokumenti Ci., Cii u D, liema dokumenti sadattant kien irnexxielhom igibu kopja taghhom l-MFSA, u li dawn tal-ahhar ghaddew kopja taghhom lir-rikorrenti*[50]."

Minn din ix-xhieda, ghalkemm ma gietx indikata data preciza, jirrizulta bhala fatt li <u>qabel</u> is-17 ta' Frar 2014 l-atturi kellhom diga' dawn it-tlett dokumenti f'idejhom la fl-inkontru kienu tawh kopja taghhom.

Mill-atti u l-provi l-ohra mressqa l-Qorti pero' tinnota li –

1. L-attur Carmel Ciscaldi xehed li fir-rigward tal-File Notes relattivi ghaz-zewg investimenti in kwistjoni, huwa nghata kopja taghhom sentejn wara l-investiment meta mar personalment ghand is-socjeta' konvenuta biex jitlobhom kopja[51]. Dan ifisser li **sal-2009** l-atturi kellhom f'idejhom dawn iz-zewg dokumenti li jfisser allura li kellhom l-gharfien ta' dak li ffirmaw ghalih u l-implikazzjonijiet rizultanti;
2. Di piu' fil-protest gudizzjarju tat-13 ta' Settembru 2011, l-atturi wkoll kienu ghamlu referenza diretta ghall-*File Note* tal-investiment SG u sahansitra ndikaw li qed jannettu kopja tad-dokument mal-istess protest[52]. F'dan l-isfond, u tenut ukoll il-vicinanza tal-perjodi, huwa wkoll probabbli li fis-26 ta' Mejju 2011 l-istess atturi ottjenew vera kopja tal-*File Note* dwar it-*TEP Fund*[53] kif ukoll tal-*Experienced Investor Declaration*[54], filwaqt li fit-13 ta' Gunju 2011 inghataw vera kopja tal-*File Note* tal-prodott SG[55]. Dan kif juru t-timbri ndikati fuq dawn l-istess dokumenti li huma annessi mar-rikors guramentat innifsu.

Mis-suespost il-Qorti tikkonferma ghalhekk li z-zewg File Notes kienu fil-pussess tal-atturi mill-2009 u l-*Experienced Investor Declaration* almenu mis-26 ta' Mejju 2011. Dan jikkontradixxi dak li qal ix-xhud Paul Bonelli, li del resto kif qal hu stess strah fuq dak li qalulu l-atturi u fuq id-dokumenti forniti lilu minghandhom.

Huwa car ukoll, anke fuq ammissjoni tal-atturi stess li fl-uniku protest gudizzjarju li pprezentaw f'Settembru tal-2011, huma ma kienu ghamlu ebda lanjanza li tirrigwarda allegat ingann u komportament zleali, qarrieqi u doluz u llegali[56]. Dan ifisser li wara l-2009 fir-rigward tal-*File Notes* u wara l-2011 fir-rigward tad-Dikjarazzjoni surreferita, l-atturi qatt ma hadu passi a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet

[50] Fol 150
[51] Fol 212 - 213
[52] Fol 79
[53] Fol 28
[54] Fol 29
[55] Fol 30
[56] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 232

ta' Malta entro t-terminu ta' sentejn preskritti mill-istess ligi. La l-atturi qatt ma fittxew li jfittxu r-rexxissjoni tal-kuntratt in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom, ma jistghux issa wara l-iskadenza ta' tali terminu jifthu kawza ghad-danni fir-rigward.
Il-Qorti tqis li t-tielet talba attrici hija ghaldaqstant ukoll preskritta a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili.
Ghal dawn ir-ragunijiet, u in kwantu r-raba', l-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici huma dipendenti fuq ezitu favorevoli ghall-atturi fir-rigward tal-ewwel tlett talbiet, il-Qorti sejra tichad dawn it-talbiet."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-familja Ciscaldi, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti datata 5 ta' Mejju, 2017, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata; (a) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà appellata u tiddikjara li l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi mhumiex preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (b)tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà appellata u tiddikjara li t-tielet talba tal-appellanti mhix preskritta skont l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u (c) tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti dwar it-talbiet attriċi u l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà appellata GlobalCapital Financial Management Limited, li permezz tagħha wieġbet billi talbet lil din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi appellanti bħala nfondat fil-fatt u fid-dritt u minflok tikkonferma s-sentenza appellata deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju, 2017, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2022, meta l-appell baqa' differit għas-sentenza.

8. Rat in-nota ta' referenzi ppreżentata mid-difensur tal-appellanti waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2022, u minkejja li s-soċjetà appellata ngħatat l-opportunità, jekk jidhrilha, li tippreżenta wkoll nota ta' referenza, ma ġiet ippreżentata l-ebda nota.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

10. Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu mill-Qorti (i) dikjarazzjoni li s-soċjetà attriċi aġixxiet b'mod skorrett u qarrieqi u li l-aġir tagħha jikkwalifika bħala prattika kummerċjali nġusta u qarrieqa għall-finijiet tal-Artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-atturi li f'isimhom saru l-imsemmija investimenti; (ii) dikjarazzjoni li l-kumpanija konvenuta tat parir ħażin u aġixxiet b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu tagħha, kif ukoll b'nuqqas ta' ħarsien tad-dmirijiet fiduċjarji skont il-liġi u tal-*Istandard Licence Conditions* u Regolamenti dwar l-Investimenti tal-MFSA fil-konfront tal-atturi meta sar il-bejgħ lilhom tal-imsemmija investimenti; (iii) dikjarazzjoni li l-kunsens tal-atturi ttieħed

mill-kumpanija konvenuta b'għemil doluż u ingann adoperat mir-rappreżentanti tal-istess konvenuta għad-dannu tal-atturi, kif ukoll kien riżultat ta' żball materjali ipprovokat mill-konvenuta fuq it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih huma kienu qegħdin jinvestu u t-tip ta' servizz ta' investiment li s-soċjetà konvenuta kienet qegħda tagħti lill-atturi, u li għalhekk kwalsiasi kunsens tagħhom kien vizzjat u allura ma jiswiex fil-liġi; (iv) dikjarazzjoni li s-socjetà konvenuta hija responsabbli fil-konfront tal-atturi, għat-telf tal-flus, kif ukoll għad-danni kollha li huma konsegwentement sofrew; (v) likwidazzjoni tal-ammont tat-telf u danni mġarrba, mill-atturi *occorrendo* bin-nomina ta' periti *nominandi*; u (vi) kundanna tas-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat; Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi u bl-inġunzjoni tal-kumpanija konvenuta in subizzjoni.

11. Is-soċjetà konvenuta ressqet numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom dawk preliminari: (I) li r-rikors promotur huwa miżgħud bi ħwejjeġ u dikjarazzjonijiet żejda bi ksur tal-Artikolu 159 (1) tal-Kap. 12 u għalhekk talbet lill-Qorti tapplika l-provvediment tal-Artikolu 159 (2) tal-Kap. 12; (II) li t-talbiet tal-atturi huma preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu bbażati fuq responsabbiltà extra kuntrattwali u (III) li sa fejn fit-talba attriċi jingħad li l-kunsens tagħhom kien ivvizzjat u li ma jiswiex fil-liġi, hija preskritta skont l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

12. Permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta' Mejju, 2017, filwaqt li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta, laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet u ddikjarat l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll iddikjarat li t-tielet talba attriċi kienet preskritta skont l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ċaħdet il-bqija tat-talbiet attriċi in kwantu dawn huma subordinati għall-ewwel tliet talbiet. Bl-ispejjeż a karigu tal-atturi solidalment bejniethom.

13. L-atturi ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tal-atturi jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali:

(A) l-Ewwel Qorti żbaljat meta interpretat l-azzjoni tagħhom bħala waħda ta' danni ikkaġunati minn sitwazzjoni extra-kuntrattwali;

(B) l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddikjarat li t-talbiet tal-atturi appellanti huma preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u

(C) l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta ddikjarat li t-talbiet tal-atturi huma preskritti skont l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, għandhom raġun l-atturi appellanti meta fl-ewwel aggravju tagħhom isostnu li l-konjuġi Ciscaldi kellhom relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà appellata, dik ta' klijent u

professjonist. Dan jingħad peress li r-relazzjoni kuntrattwali f'dan il-każ ta' investimenti finanzjarji jibda bl-għoti ta' pariri (ara Dokumenti A u B annessi mar-rikors promotur) u jitkompla permezz ta' diversi kuntratti li jiġu ffirmati, fejn l-atturi huma klassifikati bħala klijenti (ara Dokumenti Ci, Cii, D), kif ukoll jingħataw ***Purchase Contract Note*** (ara Dokumenti E i, E ii u F) maħruġa f'isem is-soċjetà konvenuta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, permezz ta' dawn id-dokumenti nħolqot bejn il-partijiet relazzjoni kuntrattwali sabiex l-atturi jingħataw servizzi finanzjarji.

15. Filwaqt li teżisti ġurisprudenza fejn l-għoti ta' servizz minn professjonist u r-relazzjoni tiegħu mal-klijent titqabbel ma' mandat (ara per eżempju s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Periti Alexander Bezzina et v. Joseph Mizzi noe**), f'bosta sentenzi oħra fejn jidħlu ċerti rabtiet professjonali, huwa ritenut li r-relazzjoni li titnissel bejn professjonist u klijent hija waħda kuntrattwali (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Rose Gauci et v. Donald Felice et** u bosta sentenzi oħra partikolarment fil-qasam mediku). Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji hemm diversi sentenzi fejn jingħad li r-relazzjoni ġuridika li tinħoloq bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali, li tkun imsejsa fuq l-għoti ta' servizzi finanzjarji (ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Roland Darmanin Kissaun v. GlobalCapital Financial Management Limited** u dik ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-

28 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Rosina Agius v. GlobalCapital Financial Management Limited**). Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni attriċi hija waħda bbażata proprju fuq inadempiment kuntrattwali, ladarba jiġi allegat li n-nuqqas seħħ fit-twettieq tal-inkarigu mogħti mill-atturi.

16. Tabilħaqq, kif ingħad mill-Ewwel Qorti (u mis-soċjetà appellata), l-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi l-kawża skont il-kawżali u t-talbiet imressqa fir-rikors promotur u l-eċċezzjonijiet imqanqla mis-soċjetà konvenuta. Madankollu, minkejja li huwa minnu li l-atturi jallegaw li s-soċjetà konvenuta kisret diversi dispożizzjonijiet tal-liġi u li aġġixxiet b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza, huma jsostnu li dan in-nuqqas seħħ fil-qafas tat-twettiq tal-inkarigu tagħha u b'nuqqas ta' ħarsien tad-dmirijiet fiduċjarji. L-atturi jallegaw li s-soċjetà konvenuta naqset fl-obbligi legali tagħha lejhom bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment, kif ukoll taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Dan kollu juri biċ-ċar illi dak li qegħdin jitolbu l-atturi huwa bbażat fuq allegazzjoni li s-soċjetà konvenuta naqset fl-obbligi kuntrattwali tagħha, inkluż li ma ssodisfatx it-termini tal-liġi applikabbli, u allura, in-natura tal-azzjoni hija waħda ta' inadempiment ta' obbligu legali impost fuqha riżultat tar-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellata meta jingħad minnha li l-Qorti trid tiddeċiedi t-talbiet attriċi rrispettivament minn kwalsiasi relazzjoni kuntrattwali li jista' jkun hemm bejn il-partijiet, peress li dak li qegħdin jallegaw l-atturi huwa

marbut sfiq mar-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejn il-kontendenti fil-kawża. B'hekk ma jitqiesx li l-azzjoni attriċi, kif riżultanti mill-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, hija waħda ta' natura akwiljana.

17. Kif jirriżulta mill-istess sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet **Pace v. Corinthia Palace Hotel Company Limited,** filwaqt li mhux kull ħsara li ġġarrab persuna minn għemil jew nuqqas ta' ħaddieħor waqt twettiq ta' kuntratt tikkostitwixxi ħtija kuntrattwali, iżda sabiex il-ħtija tkun akwiljana, jeħtieġ li jintwera li l-għemil li minħabba fih issir il-ħsara jkun għal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla minn kuntratt. (Ara f'dan is-sens ukoll ir-referenza li hemm issir għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Busuttil v. Schembri**). Madankollu l-allegazzjonijiet tal-atturi f'din il-kawża fil-konfront tas-soċjetà konvenuta huma proprju marbuta mal-għemil jew nuqqas tas-soċjetà konvenuta waqt it-twettiq tal-kuntratt.

18. Hekk ukoll, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe v. Angelo Xuereb noe** tal-20 ta' Frar, 2009, illi:

> *"Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza Spiteri pro et noe v. Castle fejn inghad illi "Il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill- "istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias" a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942,*

*abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni … Illi a propositu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li <u>biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana;</u> u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi <u>l-colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali</u>.".*

(sottolinjar ta' din il-Qorti).

Filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-istess fehma, issib li għall-istess raġunijiet, għandhom raġun l-atturi appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom, li jimmerita li jintlaqa'.

19. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak marbut mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta marbuta mal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Ġaladarba fl-eżami taħt l-ewwel aggravju jingħad li l-ħsara li ġarrbu l-atturi tinstilet proprju mir-rabta kuntrattwali u l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, li jingħad mill-atturi li l-istess soċjetà konvenuta naqset milli tħares, allura l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ ma tistax tkun dik marbuta mal-ħtija akwiljana invokata mis-soċjetà konvenuta taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

20. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Darmanin Kissaun v. Global Capital Financial Management Ltd** ċitata qabel:

> "*Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda aquiliana.* ***Hu car li l-azzjoni attrici hija bazata fuq kuntratt u ksur tal-istess daparti tas-socjeta` konvenuta. L-attur avvicina lis-socjeta` konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjeta` konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta' obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl- artikolu 2153*** *(ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn il-partijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delittuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt."*

Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Zahra pro. et nomine v. Global Capital Financial Management Ltd.,** ladarba l-ilment tal-attur ma jistax jitqies indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali bejn il-partijiet, isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli mhix dik taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

21. Ġaladarba l-preskrizzjoni nvokata mis-soċjetà konvenuta appellata taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, mhix dik applikabbli għall-każ in eżami, mhux meħtieġ li din il-Qorti tinoltra ruħha ulterjorment fuq it-tieni aggravju dwar liema preskrizzjoni hija dik applikabbli u minn meta jiskatta t-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 2137 tal-Kodiċi

Ċivili. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-22 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauci v. Saviour Farrugia:**

> *"... l-ġudikant ma jistax jirriċerka d'ufficio il-fatti kostituttivi ta' eċċezzjoni riservata mil-liġi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-ġudikant jassumi d'ufficio tali fatti fid-deċiżjoni tiegħu għall-fini li jiddikjara li l-preskrizzjoni tal-azzjoni jekk din ma tkunx ġiet espressament dedotta;*
>
> *Kif deċiż, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax teżamina jekk hijiex applikabbli xi dispożizzjoni oħra f'materja ta' preskrizzjoni ...fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik għandha tiġi invokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u teżamina jekk hemmx xi preskrizzjoni li tista' tkun opponibbli peress li hija materja kollha ta' kuxjenza" – Kollez. Vol. XXXIII P.I p. 481;*
>
> *Irid jingħad ukoll illi l-propożizzjoni ġenerika tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti interessata ma tawtorizzax lill-ġudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ. Dan għaliex huwa l-parti li għandu l-oneru jagħżel liema waħda mill-varji ipotesijiet presunti mil-liġi hi applikabbli."*

Filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-istess fehma, tilqa' t-tieni aggravju tal-atturi appellanti u għalhekk ser tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li ser tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-soċjetà konvenuta taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

22. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-atturi appellanti, dak fejn jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddikjarat t-talbiet attriċi preskritti skont l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili u dan jingħad minnhom, peress li fil-kawża odjerna mressqa mill-atturi ma ntalbitx ir-rexxissjoni tal-kuntratt u għalhekk ma kellux jiġi applikat l-imsemmi provvediment tal-liġi. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' dan l-aggravju tal-atturi appellanti, li l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili mhuwiex applikabbli għall-azzjoni odjerna,

ġaladarba r-rexxissjoni ma ntalbitx. Minkejja li fit-tielet talba tal-atturi jingħad li l-kunsens tagħhom kien wieħed vizzjat, dak li qiegħed jingħad mill-atturi huwa li l-kunsens tagħhom kien vizzjat ukoll fil-kuntest tal-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta, peress li l-kunsens jew ġie mogħti riżultat tal-għemil doluż u b'ingann adoperat mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll ingħata riżultat ta' żball materjali pprovokat mill-istess rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta dwar it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih huma kienu qegħdin jinvestu u t-tip ta' servizz ta' investiment li s-soċjetà konvenuta kienet qegħda tagħti lil-atturi. Iżda l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu rexxissjoni.

23. Fil-verità ma jagħmilx sens li l-atturi jitolbu r-rexxissjoni ta' kuntratt li fuqu huma qegħdin isejsu l-pretensjonijiet tagħhom ta' inadempjenza kuntrattwali. Huwa minnu li l-atturi appellanti qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni li jikkonsisti fit-telf ta' flus fl-investimenti magħmula u d-danni mġarrba u fil-prospett ippreżentat minnhom qiegħed jintalab ir-rifużjoni tat-telf kapitali, magħmula permezz tal-investimenti, flimkien mal-imgħax legali (ara Dokument H a fol. 76). Madankollu, din il-Qorti qegħda tifhem li din it-talba tal-atturi qegħda ssir konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali fil-qafas ta' obbligazzjonijiet li daħlet fihom is-soċjetà konvenuta (ara Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili) u mhux skont l-Artikolu 1209 marbut mal-effetti tar-rexxissjoni. Dan peress li l-azzjoni attriċi hija waħda

ta' danni msejsa fuq l-inadempjenza kuntrattwali min-naħa tas-soċjetà konvenuta.

24. Din il-kwistjoni ġiet indirizzata wkoll fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Darmanin Kissaun v. Global Capital Financial Management Ltd,** msemmija qabel, fejn ingħad hekk fir-rigward tal-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili:

> "*...din il-Qorti tqis li anke dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz. L-attur ma talabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt li kellu mas-socjeta` konvenuta, u l-fatt li jallega li gie ingannat u gie indott fi zball, ma jfissirx li l-azzjoni hija wahda intiza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti,* ***l-attur ma huwiex qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt konsegwenza tal-vizzju fil-kunsens tieghu, izda jikkontendi li l-vizzju tal-kunsens huwa konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta. Il-bazi tal-azzjoni hija din l-allegata inadempjenza kuntrattwali, u ghalkemm dan jista' jkun rizultat ta' ingann da parti tas-socjeta` konvenuta, l-attur mhux qed jitlob li l-kuntratt konsegwenzjali jigi rexxiss, izda li jigi kkumpensat ghat-telf li garrab****. Huwa fuq l-azzjoni hekk kif proposta mill-attur li l-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x'azzjoni seta' jew messu ressaq l-attur.* (enfasi ta' din il-Qorti)
>
> *Kull min jagixxi in malafede, kif qed jallega wkoll l-attur, jirrispondi ghad-danni, u l-fatt li effett ta' dak il-mala fede wassal ghall-vizzju tal-kunsens, ma jaghmilx l-azzjoni wahda ta' rexxissjoni, izda tibqa' wahda ghall-konsegwenzjali danni. Fuq kollox, l-artikolu 1125 tal-Kodici Civili jghid li "kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni",(ara bhala rifless fuq dan is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Galleria Management Ltd v. Derby International Ltd").*
>
> *Wara kollox, mhux eskluz li l-vizzji tal-kunsens jistghu jwasslu wkoll ghal responsabbilta` ta' danni. Il-gurista Taljan, Vincenzo Roppo fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Privato – Il Contratto" jispjega l-punt b'mod car meta jghid dan:*
>
> > *"Il dolo-ingano da` luogo a un vizio della volonta`: come tale espone il contratto al rimedio dell'annullamento (art.1439). Al tempo stesso e` un illecito (precontrattuale): come tale, da` alla vittima il rimedio del risarcimento del danno. I due rimedi possono operare in via cumulativa oppure in via alternativa, a scelta della vittima: questa puo` chiedere*

> *l'annullamento del contratto, con (o senza) il risarcimento; oppure rinunciare all`annullamento del contratto pur annullabile, e limitarsi a chiedere il risarcimento". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

> *Isegwi, li meta l-attur, f'din il-kawza, qed jallega li gie ingannat bl-agir tas-socjeta` konvenuta, u dan qabel il-holqien tal-kuntratt, dak l-agir jista' jwassal ghall-konsegwenzi dannuzi, u l-vittma li jitlob dawk id-danni ma jkunx qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, bir-rizultat li l-preskrizzjoni ghar-rexxissjoni ma tkunx applikabbli ghall-kaz."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, lanqas din l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma setgħet tirnexxi u għalhekk dan it-tielet aggravju tal-atturi appellanti wkoll jimmerita li jintlaqa'.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, fis-sens illi, filwaqt li tikkonfermaha sa fejn astjeniet milli tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, iżda tħassarha fil-bqija. Għalhekk tiċħad kemm it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153, fil-konfront tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, kif ukoll tiċħad l-eċċezzjoni li t-tielet talba attriċi kienet preskritta skont l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, imressqa mis-soċjetà konvenuta.

Tordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża fil-mertu, skont il-liġi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari jitħallsu mis-soċjetà konvenuta, ħlief dawk relatati mal-ewwel eccezzjoni preliminari li jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr